MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 18/2013

Mobisle Communications Limited
Vs
Domenique Michel Claude Ballengheien

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' disa mija u disa' ewro u hamsa u tmenin centezmu (€909.85) import ta' servizzi ta' telefonija fi tlett kontijiat differenti Dan bl-ispejjez kollha.

Ra illi l-konvenut gie notifikat b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni. Dan kif jirrizulta mir-riferti tal-Marixxal, a folio tergo tnejn u ghoxrin (22) tal-process u mill-publikazzjonijiet a folio tlieta u ghoxrin (23) u hamsa u ghoxrin (25) tal-process.

Ra illi fis-seduti ta' wara tali notifika il-konvenut ma' deherx.

Ra u sema l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet tieghu tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi l-konvenut naqas milli jikkontesta din it-talba. Fil-fatt huwa la prezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deher quddiem it-tribunal sabiex jikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenut saret permezz tal-publikazzjoni u ta’ l-affissjoni. L-estratt ta’ dan l-avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnal ‘The Times’. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Illi fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) it-Tribunal sema’ lir-rapprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidirlhu illi kemm fin-nuqqas ta’ oppozizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, it-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Wara li ra ukoll l-atikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta u jiddecidi din il-kawza billi jilqa’ t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ disa mija u disa’ ewro u hamsa u tmenin centezmu (€909.85) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------